**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U MINISTERU GĦALL- ANZJANITA' ATTIVA**

**POŻIZZJONI TA' HIGHER SPECIALIST TRAINEE MIKROBIJOLOĠIJA MEDIKALI (INKLUŻ BATTERJOLOĠIJA, VIROLOĠIJA, MIKOLOĠIJA, PARASITOLOĠIJA U KONTROLL INFETTIV) FID-DIPARTIMENT TAL-PATOLOĠIJA FL-ISPTAR MATER DEI FIL-MINISTERU GĦAS-SAĦĦA**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa u s-Segretarju Permanenti, Ministeru għalL-Anzjanita' Attiva, jilqgħu applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Higher Specialist Trainee (Varji) fil-Ministeru għas-Saħħa u fil-Ministeru għall-Anzjanita' Attiva.

1.2 Vakanzi jeżistu fl-ispeċjalitajiet li ġejjin:

1. Mediċina tal-Aċċident u Emergenza fid-Dipartiment tal-Accċident u Emerġenza fil-Ministeru għas-Saħħa;
2. Ġerjatrija Akuta u Mediċina Ġenerali/ Interna fid-Dipartiment tal-Mediċina fil-Minister għas-Saħħa;
3. Anestetika u Kura Intensiva fid-Dipartiment tal-Anesteżija, Kura Intensiva, u Maniġġ tal-Uġiegħ fil-Ministeru għas-Saħħa;.
4. Baromediċina fid-Dipartiment tal-Mediċina fil-Ministeru għas-Saħħa;
5. Kardjoloġija fid-Dipartiment tas-Servizzi Kardjoloġi fil-Ministeru għas-Saħħa;
6. Kirurġija Kardjotoraċika fid-Dipartiment tas-Sevizzi Kardjoloġi fil-Ministeru għas-Saħħa;
7. Onkoloġija Klinika fid-Dipartiment tal-Imatoloġija u Onkoloġija fil-Ministeru għas-Saħħa;
8. Dermatoloġija fid-Dipartiment tad-Dermatoloġija u Venereoloġija fil-Ministeru għas-Saħħa;
9. Dijabete, Endokrinoloġija u Mediċina Ġenerali/Interna fid-Dipartiment tal-Mediċina fil-Ministeru għas-Saħħa;
10. Gastroenteroloġija u Mediċina Ġenerali/Interna fid-Dipartiment tal-Mediċina fil-Ministeru għas-Saħħa;
11. Mediċina Ġenerali/Interna fid-Dipartment tal-Mediċina fil-Ministeru għas-Saħħa;
12. Kirurġija Ġenerali fid-Dipartiment tal-Kirurġija fil-Ministeru għas-Saħħa;
13. Ġenetika fid-Dipartiment tal-Patoloġija fil-Ministeru għas-Saħħa;
14. Mediċina Ġentio-urinarja fid-Dipartiment tad-Dermatoloġija u Venereoloġija fil-Ministeru għas-Saħħa;
15. Ġerjatrija fid-Dipartiment tal-Ġerjatrija fil-Ministeru għall-Anzjanita' Attiva';
16. Imatoloġija fid-Dipartiment tal -Onkoloġija u Imatoloġija fil-Ministeru għas-Saħħa;
17. Mikrobioloġija Medikali (inkluż Batterjoloġija, Viroloġija, Mikoloġija, Parasitoloġija u Kontroll Infettiv) fid-Dipartiment tal-Patoloġija fil-Ministeru għas-Saħħa;
18. Neonatoloġija fid-Dipartiment għas-Saħħa tat-Tfal u Adoloxxenti fil-Ministeru għas-Saħħa;
19. Newroloġija fid-Dipartiment tan-Newroxjenzi fil-Ministeru għas-Saħħa;
20. Nefroloġija u Mediċina Ġenerali/Inerna fid-Dipartiment tal-Mediċina fil-Ministeru għas-Saħħa;
21. Ostetriċja u Ġinekoloġija fid-Dipartiment tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija fil-Ministeru għas-Saħħa;
22. Oftalmoloġija fid-Dipartiment tal-Oftalmoloġija fil-Ministeru għas-Saħħa;
23. Kirurġija Ortopedika fid-Dipartiment tal-Kirurġija Ortopedika, Trawma u Mediċina tal-iSport fil-Ministeru għas-Saħħa;
24. Otorinolaringoloġija fid-Dipartiment tal-Otorinolaringoloġija fid-Dipartiment tal-Kirurġija fil-Ministeru għas-Saħħa;
25. Pedjatrija fid-Dipartiment għas-Saħħa tat-Tfal u Adoloxxenti fil-Ministeru għas-Saħħa;
26. Pedjatrija b'interess speċjali fin-Newroloġija Pedjatrika fid-Dipartiment għas-Saħħa tat-Tfal u Adoloxxenti fil-Ministeru għas-Saħħa;
27. Pedjatrija b'interess speċjali fil-Kardjoloġija Pedjatrika fid-Dipartiment għas-Saħħa tat-Tfal u Adoloxxenti fil-Ministeru għas-Saħħa;
28. Pedjatrija b'interess speċjali fl-Endokrinoloġija Pedjatrika fid-Dipartiment għas-Saħħa tat-Tfal u Adoloxxenti fil-Ministeru għas-Saħħa;
29. Pedjatrija b'interess speċjali fil-Mard Infettiv tal-Pedjatrija fid-Dipartiment għas-Saħħa tat-Tfal u Adoloxxenti fil-Ministeru għas-Saħħa;
30. Pedjatrija b'interess speċjali fin-Nefroloġija Pedjatrika fid-Dipartiment għas-Saħħa tat-Tfal u Adoloxxenti fil-Ministeru għas-Saħħa;
31. Kirurġija Pedjatrika fid-Dipartiment tal-Kirurġija fil-Ministeru għas-Saħħa;
32. Mediċina Palljattiva fid-Dipartiment tal-Imatoloġija u Onkoloġija gil-Ministeru għas-Saħħa;
33. Kirurġija tal-Plastika fid-Dipartiment tal-Kirurġija fil-Ministeru għas-Saħħa;
34. Psikjatrija fid-Dipartiment tal-Psikjatrija fil-Ministeru għas-Saħħa;
35. Mediċina għas-Saħħa Pubblika fid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika fil-Ministeru għas-Saħħa;
36. Mediċina Respiratorja u Mediċina Ġenerali/Interna fid-Dipartiment tal-Mediċina tal-Ministeru għas-Saħħa;
37. Radjoloġija fid-Dipartiment tal-Immaġini Medikali fil-Ministeru għas-Saħħa;

38.Rumatoloġija u Mediċina Ġenerali/ Interna fid-Dipartiment tal-Mediċina fil-Ministeru għas-Saħħa;
39. Uroloġija fid-Dipartiment tal-Kirurġija fil-Ministeru għas-Saħħa;
40. Kirurġija Vaskulari fid-Dipartiment tal-Kirurġija fil-Ministeru għas-Saħħa.

**Tul tal-assignment u kundizzjonijiet**

2.1 Huwa maqbul li limitu totali ta' għaxar (10) snin full-time, jew żmien ekwivalenti, jingħata sabiex jiġi kkompletat it-taħriġ speċjalizzat (inkluż kemm Higher Spercialist Training kif ukoll Basic Specialist Training), bl-esklużjoni tal-maternity, parental, sick, responsiblity jew study leave, tali leave ta' studju m'għandux ikun parti mill-programm ta' taħriġ approvat. Il-kompjutazzjoni tal-għaxar (10) snin mill-bidu tat-taħriġ speċifiku fl-ispeċjalita' xierqa ma jinkludix il-perjodu tal-Foundation. Fejn persuna maħtura ma tikkompletax it-taħriġ tagħha fil-perjodu ta' għaxar (10) snin, il-Ministeru jżomm id-dritt li jagħmel redeployment tal-persuna maħtura fl-iStaff Grade xieraq skont leżiġenzi tas-servizz. Tali tobba jibqgħu fl-istess skala ta' salarju li jkunu ottjenew u jkunu rreferuti bħala Medical Officer in Staff Grade.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Higher Specialist Trainee hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Qed jiġi hawnhekk innutat li l-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss' mhix applikabbli fil-każ tal-proċess tal-għażla bis-saħħa tar-Regolament 3 (2) (c) tiegħu.

2.4 Persuna maħtura titħalla teżerċita l-professjoni privatament kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u
(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-eżiġenzi tas-servizz.

2.5 Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li j/tinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu/tagħha, j/tista' j/tapplika lateralment anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa/hija għandu/ha bħalissa.

2.6 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'din il-pożizzjoni tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn ta'-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

**Salarju marbut mal-pozizzjoni**

3. Is-salarju marbut mal-pozizzjoni ta' Higher Specialist Trainee huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 6 (li fis-sena 2022 huwa €31,710 fis-sena), bi grad sustantiv ta' Senior Staff Grade li jibda mit-tielet tarġa ta' Skala ta' Salarju 6 (li fis-sena 2022 huwa €29.324.66), flimkien ma' Specialisation Allowance ta' €6,230 fis-sena għall-ewwel sentejn, u titla' għal €6,750 mit-tielet sena 'l quddiem, li titħallas fi tlettax il-pagament ugwali kull sena.

**Dmirijiet**

4.1 Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Higher Specialist Trainee jinsabu fl-Anness A mehmuż ma' din iċ-Ċirkolari.

4.2 Persuna appuntata tista' tkun rikjesta twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa f'Malta u/ jew fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex skont id-diskrezzjoni tal-Amministrazzjoni.

4.3 Persuni maħtura jiġu stazzjonati fil-Ministeru rispettiv skont l-esiġenzi tas-servizz u l-ittri tal-ħatra jinħarġu mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru rispettiv.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbilita'**

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta’ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i.
a. ċittadini ta’ Malta; **jew**
b. ċittadini ta’ Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta’ impjieg bis-saħħa ta’ leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta’ trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
c. ċittadini ta’ kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta’ impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta’ trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta’ impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f’(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta’ trattati msemmija hawn fuq; **jew**
e. ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f’Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar “Status ta’ Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta’ Pajjiżi Terzi)”, jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta’ ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta’ residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji; jew
f. fil-pussess ta’ dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument ‘Status ta’ Residenza ta’ Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f’Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.’

**Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunita` Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identita` Malta** skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta’ kandidati msemmija f’(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta’ liċenzja tax-xogħol f’dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

i. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

ii. fil-pussess bi sħiħ ta' Warrant (reġistrazzjoni bi sħiħ bħala tabib mal-Kunsill Mediku ta' Malta) u sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2023, fil-pussess ta' Ċertifikat ta' Tlestija tal-Basic Specialist Training (CCBST) maħruġ mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Ispeċjalisti (SAC) ta' Malta jew ekwivalenti u fil-każ ta' Mediċina Palljattiva u Ġenetika, Ċertifikat ta' Tlestija ta' Taħriġ speċjalizzat fil-Mediċina tal-Familja jekk se japplikaw b'dan iċ-Ċertifikazzjoni jew ekwivalenti.

Qed jiġi kkjarifikat li qabel il-ħatra, persuna li qed tapplika għall-pożizzjoni ta' Higher Specialist Trainee:

1. fil-Mediċina tal-Aċċident u Emerġenza teħtieġ CCBST fil-Mediċina tal-Aċċident u Emerġenza jew ekwivalenti;
2. fil-Ġerjatrija Akuta u Mediċina Ġenerali/ Internat teħtieġ CCBST fil- Mediċina Generali/ Interna jew ekwivalenti;
3. fl-Anestetika u Kura Intensiva teħtieġ CCBST fl-Anestesija u Kura Intensiva jew ekwivalenti;
4. fil-Baromediċina teħtieġ CCBST fil-Mediċina jew CCBST fl-Anestesija u Kura Intensiva jew CCBST fil-Mediċina tal-Aċċident u Emergenza jew ekwivalenti;
5. fil-Kardjoloġija teħtieġ CCBST fil-Mediċina Ġenerali/ Interna jew ekwivalenti;
6. fil-Kirurġija Kardjotoraċika teħtieġ CCBST fil-Kirurġija jew ekwivalenti;
7. fl-Onkoloġija Klinika teħtieġ CCBST fil-Mediċina Ġenerali/ Interna jew ekwivalenti;
8. fid-Dermatoloġija teħtieġ CCBST fil-Mediċina Ġenerali/ Interna jew ekwivalenti;
9. fid-Dijabete, Endokrinoloġija u Mediċina Ġenerali/Interna teħtieġ CCBST fil-Mediċina Generali/ Interna jew ekwivalenti;
10. fil-Gastroenteroloġija u Mediċina Ġenerali/Interna teħtieġ CCBST fil-Mediċina Ġenerali/ Interna jew ekwivalenti;
11. fil-Mediċina Ġenerali/ Interna teħtieġ CCBST fil-Mediċina Ġenerali/Interna jew ekwivalenti;
12. fil-Kiruġija Ġenerali teħtieġ CCBST fil-Kirurġija jew ekwivalenti;
13. fil-Ġenetika teħtieġ CCBST fil-Mediċina Ġenerali/Interna jew CCBST fil-Pedjatrija jew CCST fil- Mediċina tal-Familja jew ekwivalenti;
14. fil-Mediċina Ġenito Urinarja teħtieġ CCBST fil- Mediċina Ġenerali /Interna jew ekwivalenti;
15. fil-Ġerjatrija teħtieġ CCBST fil-Mediċina Ġenerali/Interna jew ekwivalenti;
16. fl-Imatoloġija teħtieġ CCBST fil-Mediċina Ġenerali/Interna jew fl-Imatoloġija jew fil-Pedjatrija jew ekwivalenti;
17. fil-Mikrobioloġija Medikali (inkluż Batterjoloġija, Viroloġija, Mikoloġija Parasitoloġija u Kontroll Infettiv teħtieg CCBST fil-Mikrobijoloġija Medikali jew ekwivalenti;

18. fin-Neonatoloġija teħtieġ CCBST fil-Paedjatrija jew ekwivalenti;
19. fin-Newroloġija teħtieġ CCBST fil-Mediċina Ġenerali/Interna jew ekwivalenti;
20. fin-Nefroloġija teħtieġ CCBST fil-Medicina Ġenerali/Interna jew ekwivalenti;
21. fl-Ostetriċja u Ġinekoloġija teħtieġ CCBST fl-Ostetriċja u Ġinekoloġija jew ekwivalenti;
22. fl-Oftalmoloġija teħtieġ CCBST fl-Oftalmoloġija jew ekwivalenti;
23. fil-Kirurġija Ortopedika teħtieġ CCBST fil-Kirurġija jew ekwivalenti;
24. fl-Otorinolaringoloġija teħtieġ CCBST fil-Kirurġija jew ekwivalenti;
25. fil-Pedjatrija teħtieġ CCBST fil-Paedjatrija jew ekwivalenti;
26. fil-Pedjatrija b'interess speċjali fin-Newroloġija Pedjatrika teħtieġ CCBST fil-Pedjatrija jew ekwivalenti;
27. fil-Pedjatrija b'interess speċjali fil-Kardjoloġija teħtieġ CCBST fil-Pedjatrija jew ekwivalenti;
28. fil-Pedjatrija b'interess speċjali fl-Endokrinoloġija teħtieġ CCBST fil - Pedjatrija jew ekwivalenti;
29. fil-Pedjatrija b'interess speċjali fil-Mard Infettiv teħtieġ CCBST fil-Pedjatrija jew ekwivalenti;
30. fil-Pedjatrija b'interess speċjali fin-Nefroloġija tal-Pedjatrika teħtieġ CCBST fil- Pedjatrija jew ekwivalenti;
31. fil-Kirurġija Pedjatrika teħtieġ CCBST fil-Kirurġija jew ekwivalenti;
32. fil-Mediċina Paljattiva teħtieġ jew CCBST fil-Mediċina Ġenerali/Interna jew ekwivalenti jew CCBST fl-Anesteżija u l-Kura Intensiva jew ekwivalenti jew CCST tal-Mediċina tal-Familja jew ekwivalenti;
33. fil-Kirurġija tal-Plastika teħtieġ CCBST fil-Kirurġija jew ekwivalenti;
34. fil-Psikjatrija teħtieġ CCBST fis-Psikjatrija jew ekwivalenti;
35. fil-Mediċina għas-Saħħa Pubblika teħtieġ CCBST fil-Mediċina għas-Saħħa Pubblika jew ekwivalenti;
36. fil-Mediċina Respiratorja teħtieġ CCBST fil-Mediċina Ġenerali/Interna  jew ekwivalenti;
37. fir-Radjoloġija teħtieġ CCBST fir-Radjoloġija jew ekwivalenti;
38. fir-Rumatoloġija u Mediċina Ġenerali/Interna teħtieġ CCBST fil-Mediċina Ġenerali/Interna jew ekwivlenti;
39. fl-Uroloġija teħtieġ CCBST fil-Kiruġija jew ekwivalenti;
40. fil-Kirurġija Vaskulari fid-Dipartiment tal-Kirurġija.

Hija r-responsabilita' tal-applikanti fil-pussess ta' Ċertifikat ta' Tlestija tal-Basic Specialist Training  (CCSBST) jew taħriġ ekwivalenti maħruġ minn istituzzjonijet ta' akkreditazzjoni oħra barra mill-Kumitat dwar l-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabilita' ta' ċertifikazzjoni ta' tlestija tal-Basic Specialist Training, liema dikjarazzjoni tkun trid tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Kandidati mhux fil-pussess tad-dikjarazzjoni meħtieġa xorta jkunu jistgħu japplikaw, dment li jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni tal-Ispeċjalisti (SAC) ta' Malta, lid-Diviżjoni riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li jonqsu milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni meħtieġa fi żmien xahar għal raġunijiet lil  'hinn mill-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni ta' dan il-limitu ta' żmien, sa xahar (1) ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Estensjonijiet lil' hinn minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku

Fil-każ tal-Mediċina Paljattiva u Ġenetika, hija r-responsabilita' tal-applikanti fil-pussess ta' Ċertifikat ta' Tlestija tat-Taħriġ Speċjalizzat (CCST) jew taħriġ ekwivalenti maħruġ minn istituzzjonijet ta' akkreditazzjoni oħra barra mill-Kumitat dwar l-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabilita' ta' ċertifikazzjoni ta' tlestija tal- iSpecialist Training, jekk l-applikant se japplika b'din iċ-ċertifikazzjoni, liema dikjarazzjoni tkun trid tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Kandidati mhux fil-pussess tad-dikjarazzjoni meħtieġa xorta jkunu jistgħu japplikaw, dment li jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni tal-Ispeċjalisti (SAC) ta' Malta, lid-Diviżjoni riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li jonqsu milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni meħtieġa fi żmien xahar għal raġunijiet lil 'hinn mill-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni ta' dan il-limitu ta' żmien, sa xahar (1) ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Estensjonijiet lil' hinn minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Qed jiġi kkjarifikat li sa mhux aktar tard mit-**30 ta' Ġunju 2023**, l-applikanti għandhom jkollhom ir-rekwiżiti kollha msemmija hawn fuq, li jridu fi kwalunkwe każ jinkisbu qabel il-ħatra.

5.2 L-applikanti għandhom ikunu ta’ kondotta xierqa għall-pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta’ applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta’ Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet, mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awotrità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kienux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.3 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f’din il-pożizzjoni, skont 5.1 – 5.2 hawn fuq, mhux biss

sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.4 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippublikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant) jew l-HR Unit tal-ministeru / dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppublikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/trankrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal fuq https://recruitment.gov.mt.

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom u jew , mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 – 5.2, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

7.3 Ir-riżultat se jkun validu sat-30 ta' Ġunju 2023 mid-data tal-publikazzjoni.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta, VLT 1171 ħlief għall-Gerjatrija, u fil-każ tal-Ġerjatrija, applikazzjonijiet għandhom jiiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttorat ta-Human Resources Corporate Services, Ministeru għall-Anzjanita' Attiva, 46, Livell 5, Palazzo Spinola, Triq San Kristofru, Valletta VLT 1464, permezz tar-Recruitment Portal **biss** f'dan l-indirizz: https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **17.15 (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru, 2022.** Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

8.5 L-applikanti għandhom jindikaw b'mod ċar għal liem speċjalitajiet indikati f'paragrafu 1.2 qed japplikaw. Applikanti għandhom aktar minnhekk iniżżlu l-ispeċjalitajiet li għalihom qed japplikaw f'ordni ta' preferenza fil-Formola ta' Dikjarazzajoni li tista' tiġi aċċessata permezz tal-Online Government Recruitment Portal fuq http://recruitment.gov.mt. Aktar minnhekk, fil-każ ta' applikanti li jixtiequ japplikaw għal aktar minn speċjalita' waħda, formola tal-applikazzjoni separata flimkien mad-dokumentazzjoni sussidjarja għandha tiġi sottomessa għal kull speċjalita' li għaliha qed japplikaw.

8.6 Qed jiġi nnutat li fil-każ li l-Formola ta' Dikjarazzjoni ma tasalx għand id-Diviżjoni riċeventi sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, il-Ministeru jirriżerva d-dritt li jassenja l-persuna magħżula fi speċjalita' skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- eżami mediku;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati
- żamma ta' dokumenti

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards fl-indirizz https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Merchants Street, Valletta, VLT 1171 għall-ispeċjalitajiet kollha ħlief tal-Ġerjatrija u mill-Human Resources Corporate Services Directorate , Ministeru għall-Anzjanita' Attiva, 46, Livell 5, Palazzo Spinola, Triq San Kristofru, Valletta VLT 1464 għall-Ġerjatrija biss.

Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, numru tal-telephone u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment għas-Saħħa huma https://deputyprimeminister.gov.mt, + 356 22992609 u recruitment.health@:gov.mt u għall-Ministeru tal-Anzjanita' Attiva huma mfaa.gov.mt u hr.mfaa@gov.mt.